MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 839/2009

**Go p.l.c.**
**(C - 22334)**

**vs**

**Carmen Zammit**
**(I.D. 471764M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf u hamsa u disghin Euro u tnax-il centezmi (€1,095.12), in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numru 21636678 u 21650742 (AC 40014058) skont diversi kontijiet mibghuta lilha, u skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba :

IZY1 – prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40014058 (telefon 21636678 u 21650742)

IZY2 – ftehim dwar is-servizz telefoniku 21636678 u 21650742.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elf u hamsa u disghin Euro u tnax-il centezmu (€1,095.12), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------